# Restawr fil-Bibien tal-Faċċata tal-Knisja Parrokkjali

Emanuel Cini

Fil-11 ta' Diċembru 2006, il-Kappillan Dun Karm Mercieca nkarigani sabiex isir restawr intensiv fuq il-bibien tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa.

L-ewwel xogħol beda mill-bieb tas-sagristija. Dan inqala' minn postu u żżarmaw partijiet sostanzjali minnu peress li ried jinbidel xi ħadid u njam. B'hekk saritlu s-sistema oriġinali ta' l-gharqub sabiex reġa' ġie jinfetaħ kollu. Sar ukoll it-taraġ ta' quddiem dan il-bieb minn ġebel tal-qawwi li jikkumplimenta mal-bqija tal-faċċata.

Il-bibien tal-ġnub ukoll sarilhom restawr intensiv. Dan jinkludi fih tibdil tal-bsaten kollha u qlugħ tal-loġġijiet tal-ħadid sabiex tqaxxru miż-żebgħa u b'hekk setgħu jiġu ggalvanizzati u sprejjati. Fuq kull bieb tal-ġenb qed isiru wkoll żewġ rużuni li jaqblu ma' l-istil tal-bieb.

Peress li l-bieb tan-nofs fih l-iskultura, ir-restawr tiegħu jirrikjedi ħafna aktar ħin u għalhekk jieħu aktar fit-tul sabiex jitlesta.

Meta dawn it-tliet bibien jiġu restawrati, is-sbuħija tagħhom tkun tista' tiġi aktar apprezzata u gawduta minn dawk kollha li jgħaddu minn quddiem dan it-tempju tagħna l-Mellieħin.



*Qiegħed jiġi restawrat il-Bieb tas-sagristija.*



*Michael Cutajar qiegħed ipoġġi t-taraġ tal-qawwi.*



*Wieħed mill-bieb tal-ġnub fejn jidher li ġa maqlugħin il-bsaten u qed issir id-daħal fejn ġej ir-rużun.*



*Il-bieb il-kbir fejn jidher li qiegħed jiġi mqaxxar.*


# MANUEL'S GARAGE Co. Ltd.

3, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Mellieħa SPB 14, Malta

Tel: **(+356) 21523472**
Mob: **(+356) 99496462**
Fax: **(+356) 21523600**
email: **manuelscarhire@hotmail.com**

- ***TAXI & MINIBUSES***
- ***GENERAL CAR HIRE***
- ***APARTMENT (SHORT & LONG LETS)***
- ***FLATS FOR SALE***



Taxi nos.: LVY 152, OGY 888, BVY 011